Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 8/2017

**Lawrence Vella (appellant)**

**vs**

**Direttur Generali tas-Sigurtà Socjali (appellat)**

2 ta' Lulju, 2018

1. Lawrence Vella appella minn decizjoni tal-Arbitru ghas-Sigurta Socjali tas-17 ta' Novembru, 2017, wara li b'ittra tal-25 t'Awwissu, 2015, l-appellat tah avviz li: "*jirrizulta li thallast zejjed is-somma ta' Eur 764.61 fil-PENSJONI TA' L-ETÀ li rcevejet minn dan id-Dipartiment ghall-perjodu **minn 14.03.15 sa 01.05.15**. Dan sar minhabba li IL-KAPITAL JECCEDI*".

2. Fid-decizjoni taghha l-Arbitru cahdet l-appell u kkonfermat d-decizjoni tad-Direttur Generali li thallset zejda s-somma ta' €764.61 fil-perjodu bejn l-14 ta' Marzu, 2015 u l-1 ta' Mejju, 2015, peress li ddecidiet li rrizulta bhala stat ta' fatt li r-rizorsi kapitali tal-appellant kienu jammontaw ghal €23,456.89, u ghalhekk in eccess tal-limitu impost mil-ligi. Dan wara li cahdet il-lanjanza dwar l-*audi alteram partem* u *inter alia* ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fil-mertu:

"*Illi in sostenn tal-allegazzjoni dwar self minn ohtu, l-Appellant ma ressaq l-ebda [prova] konkreta dwar dan u l-unika referenza illi ssir ghal dan is-self hija dikjarazzjoni [li mhix] guramentata tal-Appellant li giet ukoll iffirmat minn ohtu u li saret xhur wara d-decizjoni mertu tal-kaz. Ma hemm l-ebda dikjarazzjoni ta' oht l-appellant per se izda biss kontrafirma fuq ittra miktuba mill-appellant, mhux datata u mhux ikkonfermata b'gurament u iktar minn hekk ma hemm assolutament l-ebda prova dwar kif u meta u wkoll jekk ghaddewx il-flus fis-somma ta' €10,000 fl-2010.*

*Illi l-Arbitru josserva wkoll illi ma ngabet l-ebda prova konkreta la dwar in-necessità tal-vjagg u wisq anqas dwar l-ezistenza tal-vjagg ghand iben l-appellant. Iben l-appellant ma xehedx u prova dwar btala specifika ghand iben l-appellant ma saritx. Fatt illi ghalkemm ma huwhiex ser ikollu piz fuq id-decizjoni, qieghed jigi osservat.*

*Illi fi kwalsiasi kaz, il-fatt illi kellu jmur jara lil ibnu, maggorenni ma hijiex raguni sufficjenti ghaliex persuna hija obbligata tutilizza l-mezzi finanzjarji taghha sabiex tmantni lila nnifisha u bir-rispett jekk ma tippermettix vjagg, ma tistax tonfoq rizorsi kapitali fuq l-istess vjagg u sussegwentement iddur fuq l-istat ghall-Ghajnuna. L-Ghajnuna ma hijiex*

*dritt awtomatiku izda beneficcju moghti mill-istat ghal min ghandu bzonn sostenn reali ghall-proprju ghixien tieghu.*

*Illi ghalhekk il-hlas illi sar a favur tal-appellant bejn l-14 ta' Marzu 2015 u l-1 ta' Mejju 2015, fl-ammont ta' €764.61 (u li dwar il-quantum ma hemm l-ebda kontestazzjoni, sar meta l-Appellant ma kienx intitolat ghalih u ghalhekk ghandu jintradd lura."*

3. L-aggravji tal-appellant huma:

i. L-ewwel aggravju hu dwar il-principju *audi alteram et partem.* Dan jinghad riferibilment ghall-mod kif jittiehdu d-decizjonijiet amministrattivi mid-Direttur Generali tas-Sigurtà Socjali li però jaffettwaw il-hajja tal-bniedem. Jinghad li ghalkemm l-amministrazzjoni pubblika ghandha tigi ispirata mill-principji fl-att dwar il-Gustizzja Amministrattiva[1], senjatament id-dritt tal-partijiet li jinghataw smiegh xieraq, inkluz l-principju ta' gustizzja naturali ta' *nemo judex in causa proprja* u dak ta' *audi alteram et partem,* inkluz li parti tinghata access ghad-dokumentazzjoni u l-informazzjoni rilevanti ghall-kaz. Jishaq li kieku huwa nghata l-opportunità li jigi msejjah sabiex jaghti spjegazzjoni, d-decizjoni mehuda mid-Direttur appellat, kienet tkun differenti.

ii. It-tieni aggravju hu li ladarba l-proceduri mhumiex ta' natura akkuzatorja, l-partijiet huma obligati li jressqu l-provi taghhom u l-grad tal-istess hija dik stabbilita fil-procedura civili u mhux dik penali. Kwindi huwa ressaq il-provi li deherlu li kienu pertinenti u wiegeb ghad-domandi li sarulu. Jinsisti li t-trasferiment ta' flus minghand ohtu ghal ghandu u r-rifuzjoni tal-istess flus da parti tieghu lil ohtu ma sarux permezz ta' skrittura privata peress li l-partijiet bhala ahwa kienu jafdaw lil xulxin. Jispjega li huwa separat legalment minn martu u li kien telaq mix-xoghol sabiex jiehu hsieb lil ommu, filwaqt li ibnu jinsab imsiefer u jghix l-Awstralja. Dwar in-necessità o meno tal-vjagg tieghu lejn l-Awstralja ma kien mistoqsi xejn u jispjega li ghalkemm ma kinitx kwistjoni ta' hajja jew mewt, huwa kellu x-xewqa li jara lil ibnu li kien ilu separat minn mieghu minhabba d-distanza, kwindi meta kellu l-prospett li seta' jmur jarah, mar. Jishaq li l-analizi tal-prova ma saritx skont il-ligi peress li kieku nghata l-opportunità kien iwiegeb ghal dak sollevat u jaghti l-ispjegazzjonijiet opportuni.

iii. Fit-tielet lok l-appellant jilmenta li l-Arbitru naqas milli jikkonsidra t-tielet aggravju tieghu dwar il-fatt li huwa ma kienx fil-posizzjoni ta' *minorata solvibilità.* Dan ai termini tal-linja legali adottata minn din il-qorti fis-sentenza taghha tal-25 ta' Mejju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **Carmen Abela v. Direttur Generali tas-Sigurtà Socjali.**

4. L-appellat wiegeb u ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

[1] Issir referenza ghall-Artikolu 3 (1) u (2) (a) u (d) tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta

5. **<u>Fatti.</u>**

i. L-appellant kien beneficcjarju tal-Pensjoni tal-Età sal-1 ta' Mejju, 2015.

ii. Minn stharrig li ghamel id-Dipartiment irrizulta li fil-31 ta' Marzu, 2015, l-appellant kellu fil-pussess tieghu rizorsi kapitali fl-ammont ta' €23,456.89 (u ghalhekk in eccess tal-limitu ta' €14,000).

iii. Permezz ta' ittra tal-25 ta' Awwissu 2015, l-appellat talab ir-rifuzjoni tas-somma ta' €764.61, li qal li kienet imhallsa indebitament bhala pensjoni tal-età ghall-perjodu bejn **l-14 ta' Marzu, 2015 u l-1 ta' Mejju, 2015**.

iv. Fit-3 ta' Settembru, 2015, Vella appella mid-decizjoni tad-Direttur quddiem l-Arbitru, u dan wara li kienu saru zewg appelli ohra b'meritu simili sabiex jikkontesta d-decizjoni tal-appellat. Talab ir-revoka tal-istess decizjoni peress li mhix korretta u minhabba l-gustifikazzjoni li kellu.

v. Fil-proceduri quddiem l-Arbitru, l-appellant ipprezenta tliet dokumenti: (1) Dokument mahrug mill-Bank HSBC fit-18 ta' Gunju, 2015, li jindika sar trasferiment ta' fondi konsistenti fis-somma ta' €10,000 minn fuq l-appellant ghal fuq ohtu Josephine Bugeja. (2) Dikjarazzjoni kongunta datata 11 ta' Lulju, 2015, li permezz taghha l-appellant Lawrence Vella u ohtu Joyce Bugeja ddikjaraw li Vella kellu *Life Saving Insurance Policy* li mmaturat fl-ahhar ta' Marzu, 2015. Peress li ohtu kienet selfitu s-somma ta' €10,000, sabiex bejn Dicembru 2010 u Jannar 2011, mar izur lill-ibnu fl-Awstralja, huwa kien intrabat maghha li wara li timmatura l-polza huwa jirritorna s-somma mislufa lilu u hekk ghamel. (3) Kopja tal-biljetti elettronici bl-itinerarju f'isem l-appellant fejn jirrizulta li telaq minn Malta fit-3 ta' Dicembru, 2010 u wasal lura Malta fit-30 ta' Jannar, 2011.

vi. Id-Direttur appellat wara li ha konjizzjoni tad-dokumenti pprezentati, rrileva li ma kien hemm ebda dokument ufficjali li jsostni l-allegat self li sar bejn l-appellant u ohtu Josephine Bugeja. Filwaqt li l-appellant fis-seduta tas-7 ta' Settembru, 2017, quddiem l-Arbitru ddikjara li skritturi privati ma kienx hemm, li l-vjagg ghall-Awstralja kien biex jara l-familja u li huwa rrifonda l-flus lill-ohtu fil-5 ta' Mejju, 2015.

6. B'riferenza ghall-ewwel aggravju l-qorti tosserva:

i. Fl-ittra legali li ntbaghatet lis-Segretarju, fl-ufficcju tal-Arbitru, l-appellant ilmenta:

*"…. fl-ewwel stadju d-dipartiment ma setax jaqbad u jaqta dan il-beneficcju li huwa d-dhul li jiddependi fuqu l-esponenti ghall-ghejxien tieghu minghajr ma jibghat ghalih u jistaqsih ic-cirkostanzi pertinenti ghal din il-bidla temporanja fl-assi tieghu. Id-decizjoni giet ghalhekk mehuda mid-Direttur minghajr ma rrispetta l-principji tal-audi et alteram partem u konsegwentement hi irrita u nulla mill-bidu taghha".*

ii. Fid-decizjoni l-Arbitru cahad l-aggravju minhabba li d-decizjoni tal-appellat hi soggett ghal stharrig quddiemu, *"liema proceduri jaghtu opportunita xierqa u ampja lill-Appellant iressaq il-kaz tieghu minn decizjoni ta' Direttur Generali illi fl-ahhar mill-ahhar ma huwiex entita guridika izda dippartiment illi jiddeciedi dwar il-kwalifika o meno ta' applikanti ghal ghajnuna socjali".*

iii. Fl-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) ma jirrizultax li hemm xi provvediment li qabel l-appellat jiehu decizjoni li biha jwaqqaf beneficcju, ghandu jisma' jew jitlob spjegazzjoni lill-beneficjarju.

iv. Il-qorti ghandha rizerva dwar dak li qalet l-Arbitru fid-decizjoni tas-17 ta' Novembru, 2017 meta tqies li d-dritt ta' appell hu limitat biss ***"fuq xi punt ta' ligi jew principju ta' importanza li jitqanqal"*** (artikolu 108 tal-Kap. 318).

v. F'dan il-kaz ma rrizultax x'ezercizzju aghmel l-appella qabel ha d-decizjoni li l-appellant ghandu jirrifondi s-somma ta' €764.61 li l-appellant kien ircieva matul il-perjodu tal-14 ta' Marzu, 2015 sal-1 ta' Mejju, 2015. Hadd mill-partijiet ma xehed, minkejja li kellhom kull opportunita. Ghalhekk mhuwiex maghruf kif l-appellat sar jaf li l-appellant kellu rizorsi kapitali li l-valur taghhom kien jeccedi l-limitu ta' €14,000.

vi. Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' provi l-qorti ma tistax tasal biex taghti ragun lill-appellant. F'kull kaz, quddiem l-Arbitru l-kaz tieghu gie kkunsidrat u nghatat decizjoni wkoll dwar il-meritu.

7. It-tieni aggravju hu dwar il-meritu. Mill-atti li kellha quddiemha l-Arbitru jirrizulta li fil-31 ta' Marzu, 2015 l-appellant kellu flus kontanti f'kontijiet bankarji fl-ammont ta' €23,456.89. Prova cara li l-assi finanzjarji kienu iktar mill-massimu li tippermetti l-ligi. L-appellant isostni li €10,000 minnhom kienu dovuti lill-ohtu bhala rifuzjoni ta' self li kienet ghamlet sabiex huwa seta' jsiefer u jzur lill-ibnu fl-Awstralja bejn Dicembru 2010 u Jannar 2011. L-appellant ipprezenta dikjarazzjoni f'dan is-sens iffirmata minnu u minn ohtu, li l-kontenut taghha ma giex ikkonfermat bil-gurament. Id-dikjarazzjoni taqra:

*"I declare that I had a Life Saving Insurance Policy that has been matured last March 2015.*

*I also declare that from 5th December 2010 u 26th January 2011, I visited my Son who lives in Waycol Queensland, Australia. On my way back to Malta I spent 3 days in Singapore island. My Sister has lent me €10,000 because I could not afford it. I had undertaken that on maturity, I will refund. So last March, my Live Saving Insurance Policy has matured and of course I refunded my sister".*

8. Mill-atti tal-appell 9/2017 li qieghed jigi deciz illum, jirrizulta li l-appellat hareg avviz data 27 ta' April, 2015 li bih gharraf lill-appellant li ma kienx iktar intitolat li jircievi l-pensjoni ghaliex ir-rizorsi kapitali tieghu jaqbzu l-massimu stabbilit mit-Test tal-Mezzi li hemm fit-Tieni Skeda tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318).

9. L-appellant intalab ihallas lura l-pensjoni li kien ircieva matul il-perjodu bejn l-**14 ta' Marzu, 2015 sal-1 ta' Mejju, 2015**. Ma jirrizultax li fil-fatt l-appellant ikkontesta li dik kienet is-sitwazzjoni matul l-imsemmi perjodu. Jirrizulta wkoll li minn kont *savings* li ghandu mal-HSBC Bank Malta plc, fil-5 ta' Mejju, 2015 l-appellant ittrasferixxa s-somma ta' €10,000 lil Josephine Bugeja. Pero' t-trasferiment sar fil-5 ta' Mejju, 2015 li mhuwiex il-perjodu rilevanti li dwaru l-appellat talab rifuzjoni tal-pensjoni.

10. Effettivament mhemmx dubju li sal-1 ta' Mejju, 2015 ir-rizorsi kapitali tal-appellant kienu jeccedu s-somma massima li tippermetti l-ligi. Kien biss fil-5 ta' Mejju, 2015 li r-rizorsi kapitali tal-appellant naqsu mis-somma ta' €10,000.

11. Il-qorti zzid li mhemm xejn fil-ligi li fil-kalkolu ta' rizorsi kapitali ghandu jitqies id-dejn li jkollu min ikun qieghed jircievi l-beneficcju, pensjoni jew ghajnuna (ara artikolu 66, paragrafu 1 tat-Taqsima IV u paragrafu 1 tat-Taqsima I tal-Kap. 318). Ghaldaqstant, l-appellat kien gustifikat li jwaqqaf il-pensjoni u jitlob ir-rifuzjoni.

12. F'kull kaz wara li qrat l-atti, il-qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li l-Arbitru ma kelliex tichad l-appell. L-oneru tal-prova kien fuq l-appellant fir-rigward ta' dak li allega, cjoe' li fis-sena 2010/2011 issellef is-somma ta' €10,000 sabiex isiefer l-Awstralja biex jara lill-ibnu u li d-dejn thallas fil-5 ta' Mejju, 2015. Mhemmx dubju li l-appellant, bhal f'kull procedura ohra, jressaq il-provi li jidhirlu li huma rilevanti ghall-kaz tieghu. Pero mbaghad min irid jiddeciedi l-kaz, irid jara jekk il-provi li jkunu tressqu humiex bizzejjed biex titwemmen. F'dan il-kaz hu evidenti li l-kopja tal-itinerarju tal-vjagg bl-ajru, id-dikjarazzjoni iffirmata, u d-dikjarazzjoni tal-appellant

fis-seduta tas-7 ta' Settembru 2017[2], gew ikkunsidrati li mhumiex prova sufficjenti. Konkluzjoni li l-Arbitru kellha kull dritt li tasal ghaliha. L-inqas li kellu jaghmel l-appellant hu li jixhed u jressaq lill-ohtu bhala xhud, u jispjegaw:

i. Josephine Bugeja minn fejn gabet is-somma ta' €10,000 li allegatament silfet lill-appellant, u kif inghataw lill-appellat (flus kontanti jew *transfer* minn kont bankarju);
ii. Kif nefaq is-somma ta' €10,000 f'perjodu ta' xahrejn. Il-prova li hemm hu li xtara l-biljetti tal-ajru ghall-prezz ta' €1,338.58;
iii. Il-gurnata meta mmaturat il-Life Saving Insurance Policy flimkien ma' prova dokumentarja;
iv. X'kienet ir-raguni ghalfejn fl-*interim period* bejn 2011 u 5 ta' Mejju, 2015 l-appellant ma hallas xejn mill-allegat dejn li kellu ma' ohtu;
v. Spjegazzjoni ghalfejn it-trasferiment sar fil-5 ta' Mejju, 2015 u mhux qabel meta hu evidenti li fil-31 ta' Marzu, 2015 fil-kontijiet bankarji l-appellant kellu diga' bizzejjed flus sabiex ihallas lill-ohtu, jekk verament kien debitur taghha.

13. L-ahhar ilment tal-appellant huwa li l-Arbitru naqset milli tikkunsidra l-fatt li ma kienx fil-posizzjoni ta' minorata solvibilità. L-appellant jaghmel riferenza ghas-sentenza ta' din il-qorti tal-25 ta' Mejju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **Carmen Abela v. Direttur Generali tas-Sigurtà Socjali**. Kif osserva l-appellat, l-appell quddiem l-Arbitru ma jaghmilx riferenza ghal dan. Jibqa' l-fatt li l-appellant kellu kapital li jeccedi l-limitu ta' €14,000 impost mil-ligi, u l-Arbitru kellha dritt li tikkonkludi li l-appellant ma ressaqx bizzejjed provi li jikkonvincuha li dak li allega hu minnu. Interessanti wkoll kif it-trasferiment sar fil-5 ta' Mejju, 2015 meta l-avviz li baghat l-appellat ghandu d-data tas-27 ta' April, 2015. L-appellant ma ta l-ebda spjegazzjoni ghalfejn it-transaction saret dakinhar.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul

[2] *"L-appellant ighid li skritturi private ma kienx hemm u li l-vjaggg ghall-Awstralja kien biex jara l-familja. L-appellant irrifonda lill-ohtu fil-5 ta' Mejju, 2015".*